MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 409/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Tony Cachia)**
**Vs**
**Amadeo Grima**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 259780(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
- 1. nhar it-30 ta' Mejju 2012 ghal habta tat-8.30pm fi Triq Dun Gejtanu Mannarinu Birkirkara assocja ruhu flimkien ma' persuna ohra f'Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm piena ta' prigunerija u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;
- 2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' madwar 900 Ewro ghad-detriment ta' Ritianne Briguglio liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li jeccedi aktar minn 232.94 Ewro izda mhux aktar minn 2,329.37 Ewro;

- 3. ikkommetta reat filwaqt tal-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar it-22 ta' Dicembru 2009 mill-Magistrat Dr.Saviour Demicoli LL.D;
- 4. Sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Gunju, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 49, 50, 28B(1), 579(1)(2), 17(b) u 31 tal-Kap. 9 sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu b'dan li ghal dak li jikkoncerna s-serq l-aggravju hu tal-hin u valur taht l-2,300 Ewro, u kkundanntu tlettax-il xahar prigunerija. Ordnat li l-perjodu ta' prigunerija sospiz bis-sentenza tat-22 ta' Dicembru 2009 ta' sentejn jibda fis-sehh. Fl-ahharnett ordnat ir-rijarrest tal-appellant u li l-ammont stabbilit mill-helsien mill-arrest taht garanzija personali jghaddi favur il-Gvern.
Il-Qorti spjegat lill-appellant l-import ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Settembru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-appellant ma kienx gie akkuzat bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u b'hekk m'hemm l-ebda raguni ghaliex ksien hemm ordni ghar-riarrest tieghu u l-garanzija personali jghddi favur il-Gvern. L-appellant kien akkuzat fost affarijiet ohra li kkommetta reat fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza.

B'hekk l-appellant iqis li s-sentenza hija ingusta u mhix ekwa.
Illi barra minn hekk l-appellant isostni l-identifikazzjoni tieghu ma kienitx posittiva u hemm dubju regonevoli.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

(A) Waqt it-trattazzjoni l-Avukat Ġenerali ssottometta li l-appell ta' llum kellu element nieqes li l-artikolu 419(1)(a) jesiġi li jkun hemm fi kwalunkwe appell u fin-nuqqas tiegħu, l-appell ikun null. Dan l-element huwa li l-appell ikun fih il-fatti fil-qosor.

Illi l-Qorti eżaminat l-appell a fol 162. Il-fatti huma esposti kif ġej:

'Illi fit-30 ta' Mejju, 2012 għall-ħabta tat-8.30pm saret serqa fuq żewġ persuni f'Birkirkara.'

Id-difiża ssottomettiet li diversi każi jgħidu li m'hemmx għalfejn tul żejjed f'din il-parti tal-appell.

Din il-Qorti taqbel perfettament li t-tul żejjed ma jgħinx biex il-każ jinstema' malajr, anzi jxekkel il-ġusitzzja b'dettalji żejda.

Min-naħa l-oħra mhux biżżejjed li tagħmel sentenza waħda ta' sittax-il kelma b'kollox biex il-Qorti tal-Appell tifhem malajr fuqhiex kien il-każ. Dwar dan ser tiddeċiedi fl-aħħar wara li teżamina l-mertu.

(B) Id-difiża ssottomettiet li l-appellant ma kiexn ġie akkużat bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien. Il-Qorti għarblet iċ-ċitazzjoni sabiex tara jekk din is-sottomissjoni hix korretta u a fol 2 sabet propju din l-imputazzjoni:

'Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tittratta lill-imputat Amadeo Grima li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistratgi fil-15 ta' Frar 2012.'

Għaldaqstant, il-Qorti mhix tilqa' din il-parti tal-aggravju tal-appellant.

(Ċ) Iżda l-parti ewlenija tal-aggravju tal-appellant hija li ma saritx identifikazzjoni sew tiegħu.

Bir-rispett kollu, il-Qorti, wara li qrat l-atti kollha, qed tiċħad dan l-aggravju għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) L-allegatta vittma

(i) għarfet lill-appellant direttament fl-Awla kif jirriżulta minn fol 39 tal-proċess:

'Mija fil-mija dak hu ara, bit-tattoo f'wiċċu, lanqas immur xejn fid-dubju'

Fil-kontro-eżami (a fol 140) li sar fit-22 t'Awwissu 2012, hija kienet mistoqsija jekk kinex tassew li hi kienet qalet li ma kienx l-appellant li seraqha. Hija ċaħdet li f'xi ħin qalet hekk, Kompliet tixhed li hija kienet taf lill-mara tal-appellant ukoll. L-appellant kien għadda xi tliet darbiet minn quddiem il-ħanut tal-vittma;[1]

(ii) għarfet il-karozza li ratha kemm Bormla – u qalet lil binha li din kienet il-karozza mija fil-mija wkoll - kif ukoll ħdejn id-Dipartiment tal-VAT ġewwa Birkirkara.

(iii) wara li rat tliet ritratti għarfet lill-appellant

(iv kienet tafu qabel għax xi ħames ġimgħat qabel kien amr il-ħanut tagħha mal-mara tiegħu;

[1] Dwar dan, ara wkoll ix-xhieda ta' PC 25 John Paul Young, imtella' mid-difiża. Dan qal li ma kienx sema' ebda kliem minn għand il-vittma.

(v) lill-persuna l-oħra li kienet flimkien mal-appellant ma għarfithiex u bla tlaqliq xejn qalet li m'għarfithiex;

(b) Anthony Bonnici, rappreżentant tal-Go ikkonferma li fit-30 ta' Mejju 2012 saret telefonata minn fuq il-mobile number 79666029 minn Raħal il-Ġdid bejn it-8.00p.m. u 8.45 p.m.

(ċ) Brian Farrugia kkonferma li l-karozza BAO 383 – liema karrozza l-vittma għarfet – hija reġistrata f'isem l-appellant; (fol 56).

(d) Skont PC 345 Mark Cremona, minn din il-karozza niżel Amadeo Grima fl-inħawi tal-għassa ta' Bormla;

(e) PS 321 Alan Lagrasta ikkonferma li l-vittma kienet qalet li wieħed mill-aggressuri kellu żewġ demgħat fuq wiċċu bħala tattoos. Wara li ħadulha l-handbag, il-vittma marret tiġri wara l-aggressuri li rathom sejrin lejn id-dipartiment tal-VAT.

(f) Waqt li l-appellant qal li kien mar ir-Raħal Ġdid biex jiltaqa' ma' Carmelo Dalli, dan tal-aħħar xehed li kien ilu ma jiltaqa' mal-appellant żmien twil u għalhekk dak li qal l-appellanti ma kien minnu xejn;

(g) Ix-xhieda tal-istess appellant (fol 143 sa 150) ma hija konvinċenti xejn. Huwa qal li kien daħal ċerta Jeffrey, il-partner tal-vittma, u qallu li l-vittma kienet tafu u talbu jġib il-handbag u l-flus. L-allegata vittma għamlet mossa b'rasha li mhux l-aggressur ma kienx l-appellant iżda mbagħad l-ewwel qal li ma semagħha tgħid xejn (fol 144) u żewġt ivrus wara qal li semagħha u li kienet qed tindirizza lilu. Huwa kien ġibed l-attenzjoni tal-pulizija għal dak li kien qed jingħad iżda l-ispettur wieġbu li l-vittma kienet qalet hekk biex ma tgħallix lil min kien magħha.

Fil-parti tal-kontro-eżami dwar min isuq il-Fiesta blu, l-appellant kien anqas kredibbli speċjalment meta dwar l-użu tal-kaorzza Fiesta blu huwa qal hekk:

'Xhud: Ifhem jiena biss insuqha pero' jiena fejn id-dar gol-għalqa miftuħa tkun u biċ-ċwievet ġo fiha.

Pros. Jista' jeħodha kulħadd jiġifieri?

Xhud: Le. Jekk inkun naf jiena ma jeħodha ħadd. Pero' minn warajja ma nafx min seta' ħadha jew le.

Pros: Dak in-nhar tal-każ taf ħadilekx xi ħadd il-karozza jew le? Tinsiex li qiegħed taħt ġurament.

Xhud: Ma nafx

Pros: Tiftakar li lili għidtli inti biss tużaha dik il-karrozza?

Xhud. Iva niftkar, qed ngħidlek. Imma jiena nitlaqha hemm hekk. Minix qed ngħidlek li ħaduhieli imma ma nafx.'

Bir-rispett kollu, din l-aħħar parti tal-kontro-eżami turi li l-appellant kien dahru mal-ħajt ġaladarba l-karozza kienet dehret fl-inħawi ta' fejn twettaq ir-reat u kienet ingħarfet. Allur pprova joħloq dubju kienx hu li qed isuq billi qal li jħalliha barra biċ-ċwievet ġo fiha. Il-Qorti mhix tqis din il-parti tax-xhieda bħala attendibbli.

Fil-fehma tal-Qorti l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-provi dwar dan ir-reat u kien ippruvat mill-Prosekuzzjonio.

Hemm provi wkoll tar-reati l-oħra kollha permezz ta' kopji ta' sentenzi kif ukoll permezz ta' kopja tad-digriet tal-liberta' proviżorja.

**Konklużjoni**

**Dwar l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali dwar in-nullita' tal-appell: il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni.**

**Dwar l-aggravju tal-appellant: Il-Qorti qed tiċħad l-aggravju tal-appellant kemm għar-raġuni mogħtija fil-**

**paragrafu preċedenti kif ukoll għax l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet għamlet apprezzament tajjeb tal-provi u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fid-29 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Amadeo Grima' fl-intier tagħha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------